MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2014

Numru. 851/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**Vs**

**Yohan Schwanke**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Hadd 7 ta' Settembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Yohan Schwanke ta' 24 sena, bin Jean Pierre u Marylise nee' Mounot imwieled gewwa Franza nhar il-10 ta' Novembru 1989, bla indirizz fiss u detentur tal-karta ta' l-identita' Franciza bin-numru 140411100692

talli nhar is-6 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' 07:20am u fis-sieghat ta' wara, gewwa San Giljan:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PS 1543 Oliver Cassar u PS518 Anthony De Giovanni f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' PS 1543 Oliver Cassar u PS518 Anthony De Giovanni , liema hsara hija ta' natura hafifa, hekk kif iccertifikat minn Dr Mark Rosso detentur ta' numru tar-registru mediku 2079, u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra PS 1543 Oliver Cassar u PS518 Anthony De Giovanni, sabiex jingurjah, iddejjqu jew jaghmillu hsara;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gera bil-qawwa fit-triq u fil-pjazza, b'periklu li jahbat ma' xi hadd u jwegghu u dan bi ksur tal-artikolu 338(cc) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dan bi ksur tal-artikolu 338(ff) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku ma kienx liebes xieraq u dan bi ksur tal-artikolu 338(q) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Anthony De Giovanni detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 97981(M) u jew ta' persuni jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija l-imsemmi Yohan Schwanke jhallas lill-parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat iddikjara li huwa lest li jhallas ghall-hsara li ghamel u ghalhekk ma tqisx li piena karcerarja effettiva hija wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96(a), 221(1), 252(1), 338(dd), 338(ee), 338(cc), 338(ff), 338(q), 339(d), 325(1)(b) , 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin u ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' erbat elef (€4,000) euro li ghandhom jithallsu fi zmien ghaxart (10) ijiem millum konvertibbli fi prigunerija skont il-ligi f'kaz ta' nuqqas ta' pagament. Oltre' dan bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tordna lill-imputat ihallas l-ammont ta' mitejn u hamsin Euro (€250) lil PS518 Anthony De Giovanni u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) l-imputat qieghed jinghata zmien ghaxart (10) ijiem sabiex iwettaq tali hlas.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jottemperax ruhu ma' din is-sentenza.

Kopja ta' din is-sentenza u ta' l-atti ghandhom jintbaghtu lill-Avukat Generali skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------